L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 1A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: Mort tajjeb, jew Proset ħafna, jew Mhijiex tweġiba korretta, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Is-Sejba tan-Nar**

In-nar għen bil-bosta fl-evoluzzjoni umana meta beda jintuża kemm bħala sors ta' sħana u dawl billejl kif ukoll bħala protezzjoni kontra l-bhejjem selvaġġi. Bih bdew jinħadmu għodod aktar avvanzati għall-kaċċa waqt li l-bniedem skopra kif isajjar l-ikel. Hekk, beda jħossu aktar indipendenti u seta' jitbiegħed minn sħabu u jinfirex f'artijiet imbiegħda, fosthom anke dawk bi klima kiesħa u ostili. L-eqdem xhieda arkeoloġika ta' traċċi ta' rmied tmur lura madwar 2 miljun sena u nstabet f'Iżrael; filwaqt li fil-Marokk instabu biċċiet taż-żnied użati biex jitqabbad in-nar.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

**Ruma Taqbad!**

Neruni, maħtur Imperatur ta' 17-il sena, huwa magħruf għall-ħruxija ta' qalbu u l-ġenn ta' moħħu. Iżda r-Rumani kienu jistmawh minħabba l-imħabba li kellu għall-arti u l-mużika, it-tqassim ta' flus lil kulħadd, u l-organizzazzjoni tal-isbaħ logħob u ġlied fl-areni. Fil-lejl tat-18 ta' Lulju tas-sena 64, beda nar kbir fiċ-Ċirklu Maximus, li nfirex mal-belt kollha u għoddu qeridha tul is-sitt ijiem li dam. Bosta jpinġu lil Neruni jdoqq l-arpa waqt il-ħruq ta' Ruma, fatt storikament miċħud għax dak il-lejl Neruni lanqas kien Ruma. Sab ix-xoqqa f'moxtha biex jibni l-belt mill-ġdid u fiha palazz enormi mifrux fuq parti kbira mill-art. Il-poplu ma ħax gost u hekk xterdet ix-xniegħa li n-nar tqabbad minn Neruni nnifsu.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta tittratta

a) battalja.

b) <u>diżgrazzja.</u>

ċ) ċelebrazzjoni.

2. Barra l-qalb iebsa li kellu, Neruni hu magħruf ukoll

a) għall-battalji kbar li rebaħ.

b) għat-taxxi li kien jagħmel.

ċ) <u>għall-bluhat tiegħu</u>.

3. Neruni kien jinħabb mal-poplu billi jorganizzalu

a) festivals sbieħ tal-logħob tan-nar.

b) <u>logħob u ġlied fl-areni.</u>

ċ) konkorsi tal-arti u l-mużika.

4. In-nar li qered Ruma dam iħeġġeġ

a) <u>sitt ijiem</u>.

b) lejl wieħed.

ċ) xahar sħiħ.

5. Liema waħda minn dawn **ma taqbilx** mal-informazzjoni mogħtija fis-silta?

a) <u>L-istoriċi jaqblu li Neruni nnifsu ħaraq Ruma u ħa gost waqt li raha tinqered.</u>

b) Neruni ried jibni Ruma ġdida b'palazz mill-ikbar għalih.

ċ) Il-poplu ma ħax gost bil-proposta tal-palazz il-ġdid għax kien se jieħu ħafna art.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-edukazzjoni JEW L-ambjent tad-dar.**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. Minn fejn għandha tibda l-ewwel l-edukazzjoni? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa biss dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?
iv. Għaliex għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

**JEW**

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent tad-dar. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Fejn tippreferi li jkollok id-dar tiegħek: f'belt jew f'raħal? Għaliex?
ii. X'tippreferi: tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar fejn toqgħod illum? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew fuq stil antik? Għaliex?
v. X'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Muscat Azzopardi**.

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hu importanti li wieħed jitgħallem xi lingwi barranin?
ii. Kif nistgħu nitgħallmu lingwa barranija?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġużè Muscat Azzopardi**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġużè Muscat Azzopardi.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1853-1927)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (ir-rumanzi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 1A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Is-Sejba tan-Nar**

In-nar għen bil-bosta fl-evoluzzjoni umana meta beda jintuża kemm bħala sors ta' sħana u dawl billejl kif ukoll bħala protezzjoni kontra l-bhejjem selvaġġi. Bih bdew jinħadmu għodod aktar avvanzati għall-kaċċa waqt li l-bniedem skopra kif isajjar l-ikel. Hekk, beda jħossu aktar indipendenti u seta' jitbiegħed minn sħabu u jinfirex f'artijiet imbiegħda, fosthom anke dawk bi klima kiesħa u ostili. L-eqdem xhieda arkeoloġika ta' traċċi ta' rmied tmur lura madwar 2 miljun sena u nstabet f'Iżrael; filwaqt li fil-Marokk instabu biċċiet taż-żnied użati biex jitqabbad in-nar.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-edukazzjoni JEW L-ambjent tad-dar**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Muscat Azzopardi**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**...**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Il-gwerra soluzzjoni? Iddiskuti.
2. Ikteb rakkont li jispiċċa: "B'xorti tajba ma kontx waħdi dakinhar."
3. L-ikel li nieklu.
4. Waqt avveniment mużikali kbir. Iddeskrivi.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

## L-Intelliġenza Artifiċjali

Meta tikkompara din it-teknoloġija ma' oħrajn, wieħed jinduna li din it-teknoloġija għandha potenzjal qawwi, li għadu qed jiżviluppa b'mod qawwi u mgħaġġel. Bħalissa sezzjoni f'dan il-qasam li qed tiżviluppa b'mod mgħaġġel hi l-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva magħrufa l-aktar bħala generative AI. Il-generative AI hi teknoloġija li tuża ammont kbir ta' dejta u informazzjoni, biex toħloq affarijiet virtwali ġodda, li jinkludu kitba, stampi, ritratti, ħsejjes, vuċijiet u vidjows, li ma jintgħarfux minn dawk li jkunu maħluqa direttament mill-bnedmin.

Din it-teknoloġija diġà bdiet tintuża f'kull settur. Il-potenzjal tagħha għadu mhux magħruf għaliex f'ħafna postijiet għadu fil-bidu tiegħu. Iżda jekk nieħdu s-saħħa tan-nies, nafu li din it-teknoloġija tista' tkun ta' benefiċċju għax għandha potenzjal qawwi peress li tkun kapaċi tara, tistudja u tasal għal ċerti konklużjonijiet mill-esperjenza li jkunu għaddew minnha l-pazjenti qabel. Dawn il-konklużjonijiet jgħinu ħafna lill-esperti tal-mediċina biex jifhmu aħjar kif jaħdem il-ġisem u b'hekk iwassalhom isibu soluzzjonijiet għal ċertu mard u kundizzjonijiet ta' saħħa. Mhux talli hekk, talli twassal ukoll biex ma nħallux mard jiżviluppa, u b'hekk intejbu l-kwalità tal-ħajja.

L-użu ta' din it-teknoloġija jwassal ukoll għal tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema. Għall-maġġoranza tal-pajjiżi dan mhux ta' benefiċċju, speċjalment jekk l-ekonomija ma tkunx qed tespandi. Biss għal Malta, dan hu potenzjal. Ir-raġuni hi li l-ekonomija tagħna qed tespandi u għalhekk tirrikjedi aktar ħaddiema. Għalhekk din it-teknoloġija tista' tgħinna biex ikollna anqas bżonn ta' ħaddiema minn pajjiżi oħra u l-popolazzjoni f'pajjiż daqshekk żgħir ma tkomplix tikber. Biex il-Maltin jaħdmu fl-AI, ikun hemm bżonn li l-pajjiż ikompli jħarreġ lill-ħaddiema ħalli jkunu speċjalizzati u midħla tas-settur diġitali.

Biss kull teknoloġija hi bħal sikkina. Meta teknoloġija tintuża b'mod tajjeb, tkun ta' għajnuna imma meta tintuża b'mod ħażin, tkun ta' ħsara. Il-ħsara tista' tkun kbira fuq l-individwu peress li kumpaniji kbar jiġbru informazzjoni personali fuq l-individwi permezz tal-apps li huma joffru b'xejn, bil-kundizzjoni li jkunu jafu l-individwu xi jkun qed jagħmel.

Il-generative AI qajmet ħafna tħassib minħabba li tista' tpoġġi d-drittijiet u s-sigurtà tal-konsumatur fil-periklu. Fost affarijiet oħra, jekk tintuża ħażin, tipperikola sew il-privatezza, l-integrità tal-konsumaturi filwaqt li tkabbar l-iscams u l-informazzjoni falza. Fil-fatt esperti tal-AI semmew il-periklu li għandha din it-teknoloġija jekk ma tkunx ikkontrollata. Uħud qalu li jekk ma nikkontrollawx u nidderieġu din it-teknoloġija, hemm ċans li teqred lill-bniedem.

Bħalissa fl-Ewropa qed tiġi ppreparata direttiva dwar l-AI. Biss din tieħu snin sakemm tiġi implimentata. Peress li din it-teknoloġija qed tiġi żviluppata malajr, l-awtoritajiet ta' kull pajjiż iridu jibdew jieħdu passi sabiex jassiguraw li din it-teknoloġija ma tipperikolax id-drittijiet taċ-ċittadini. Iridu jaraw li din it-teknoloġija ma tkunx ta' periklu imma tkun ta' min joqgħod fuqha u ġusta. Barra minn hekk, trid tinħoloq strateġija li barra li tagħti kas l-iżviluppi reċenti, tkun ibbażata fuq id-drittijiet fundamentali.

Jekk dan isir, ikun qed jgħin biex mhux biss inkomplu niżviluppaw din it-teknoloġija, imma nserrħu moħħ in-nies li m'hemmx periklu meta tintuża u għalhekk inkabbru l-potenzjal pożittiv biex intejbu l-ħajja tan-nies.

*(Addattament mill-artiklu ta' Benny Borg Bonello mis-sit https://talk.mt/il-generative-ai/)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X'tagħmel it-teknoloġija tal-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva? (2)
2. Agħti **ŻEWĠ** modi mis-silta kif l-esperti tal-mediċina jibbenefikaw mill-AI. (2)
3. Għaliex l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jista' jkun ta' benefiċċju għal Malta? (2)
4. Taħseb li Malta hi ppreparata biżżejjed għal xogħol b'din it-teknoloġija? Kif taf? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet ta' kif tista' tagħmel ħsara l-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva. (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, taħseb li l-AI għandna bżonnha fid-dinja tal-lum? Agħti raġuni **WAĦDA** għal dan. (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   Il-generative AI qajmet ħafna tħassib minħabba li tista' tpoġġi d-**drittijiet** u s-sigurtà tal-konsumatur fil-periklu. Fost affarijiet oħra, jekk tintuża ħażin, **tipperikola** sew il-privatezza, l-integrità tal-konsumaturi filwaqt li tkabbar l-iscams u l-informazzjoni falza. Fil-fatt **esperti** tal-AI semmew il-periklu li għandha din it-teknoloġija jekk ma tkunx ikkontrollata. Uħud qalu li jekk ma nikkontrollawx u nidderieġu din it-teknoloġija, hemm ċans li **teqred** lill-bniedem. (5 paragrafu) (4)

8. Sib kelma minn paragrafu 1 li għandha din it-tifsira:
   a. tqabbel;
   b. b'saħħtu;
   ċ. tikber;
   d. kreati. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 4 li turi li t-teknoloġija tal-AI fiha t-tajjeb u l-ħażin? (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

## IT-TIELET TAQSIMA:

## IL-GRAMMATIKA

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

L-istaġun tas-sajf hu partikolarment diffiċli għal min m'għandux saqaf fuq rasu. F'Malta, dawn in-nies qed isibu l-kenn u l-għajnuna fis-Soup Kitchen, li mhux biss tipprovdi ikel, iżda tipprovdi wkoll diversi servizzi oħrajn għal dawk fil-bżonn. Bħalissa s-Soup Kitchen qed tassisti madwar mitt persuna kuljum, u wħud minnhom spiċċaw qed jagħżlu bejn l-ikel jew il-mediċina minħabba li l-problema tal-għoli tal-ħajja qed tippersisti. Dawn in-nies sfortunati jgħaddu minn ħafna inġustizzji li jwassluhom f'dan il-livell baxx tal-ħajja. Issemma wkoll kif il-problema ta' nies mingħajr saqaf fuq rashom hija problema kbira f'pajjiżna, u kif dawn in-nies ħaqqhom ikollhom dinjità daqs kulħadd. Tim ta' voluntiera anzjani Maltin, ta' kuljum, jingħaqdu ma' għaqdiet oħra u jmorru jagħtu daqqa t'id fis-Soup Kitchen. Is-sena li għaddiet, is-Soup Kitchen laqgħet madwar 30,000 persuna, u għenet aktar minn 80 persuna biex isibu impjieg f'dawn l-aħħar sentejn. Jalla din il-pjaga fis-soċjetà Maltija tiġi mtaffija jew imfejqa darba għal dejjem.

*(Addattament mis-sit: https://newsbook.com.mt)*

1. Mis-silta sib u ikteb nom fil-kollettiv. (1)
2. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv Rumanz. (1)
3. Ikteb fi kliem **€30,000**. (1)
4. Ta' liema forma hu l-verb **jwassluhom**? (1)
5. Agħti l-plural sħiħ ta' **ħajja**. (1)
6. Agħti s-superlattiv ta' **għoli**. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb avverbju tan-negattiv. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv fis-Semitiku. (1)
9. Agħti l-għerq ta' **jmorru**. (1)
10. Oħroġ nom minn **jagħżlu**. (1)
11. Agħti l-għaxar forma mill-verb **kenn**. (1)
12. Ikkonjuga l-verb **għenet** fl-ewwel persuna plural fil-perfett. (1)
13. Oħroġ aġġettiv minn **dinjità**. (1)
14. Mis-silta sib u ikteb nom fl-għadd imtenni. (1)

**(Total: 14-il marka)**

## IR-RABA' TAQSIMA:

## IR-RAPPORT

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Kull nhar ta' Ħadd, il-pjazza tal-lokalità fejn toqgħod tkun magħluqa għat-traffiku, biex titgawda mill-pubbliku li jista' jieħu sehem f'bosta attivitajiet. Inti ġejt imqabbad mis-Sindku tal-lokalità sabiex tirrapporta dak kollu li seħħ fil-pjazza l-Ħadd li għadda.

**JEW**

2. Int u sejjer lejn l-iskola, rajt inċident tat-traffiku jseħħ quddiemek. Xħin mort id-dar, ċempillek pulizija mill-għassa tal-istess raħal u talbek tiktiblu x'ġara u x'rajt mill-inċident. Ikteb rapport dwar dan.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Kumpanija tal-ivvjaġġar tixtieq tnaqqas l-użu tal-karta u toħroġ rivista interattiva u diġitali sabiex tħajjar aktar nies jibbukkjaw mal-aġenzija tagħhom. Ibgħat ittra lid-Direttur tal-Kumpanija biex tagħtih ideat u tipproponi x'għandu jsir.

   Ismek: George/Marita Fenech
   L-indirizz tiegħek: 17, Triq l-Istampatur, il-Mosta, MST 1610.
   L-indirizz tad-Direttur: Id-Direttur, Atlantis Ltd, Triq is-Safar, il-Furjana, FRJ 1061.

**JEW**

2. Għaqda volontarja bl-isem 'Klabb tal-Karozzi Antiki' organizzat il-wirja annwali tagħha ġewwa Ta' Qali. Inti attendejt għal din il-wirja u nnotajt xi ftit nuqqasijiet li setgħu ġew evitati. Ikteb ittra elettronika lil din l-għaqda, sabiex tgħaddilha dawn in-noti u tissuġġerilha x'jista' jsir, sabiex din il-wirja titjieb u tkompli tikber minn sena għal oħra.

   Ismek: John/Jane Meli
   L-indirizz elettroniku tiegħek: jmeli@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-għaqda: klabbkarozziantiki@org.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

........................................................................................................................

........................................................................................................................

........................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Passaġġi* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Passaġġi,*** Ġorġ Borġ

Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

**Wieġeb:**

1. Liema hija l-metafora ċentrali tal-poeżija? Fisser x'effett joħloq il-poeta b'din il-metafora. (4)
2. F'din il-poeżija titħaddem it-teknika tal-antiteżi. Fisser kif il-poeta jagħmel dan, u x'effett joħloq b'din il-figura tat-taħdit. (4)
3. Fl-ewwel strofa xi jrid jifhem il-poeta bil-frażi: "tiskoprihom bit-taħbit"? X'effett toħloq din il-frażi fuq il-qarrej? (4)
4. X'effett joħloq il-poeta bl-idea "tal-infinit" fl-aħħar strofa? Spjega dan l-effett. (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Refuġjata,*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li nixfilha l-ilma
u ward il-ħall
dik
li wliedha saru dellijiet
jgħajtu f'rasha.

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
uważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l- interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Dal-lejl
il-mara tat-tined qed taħseb
kemm-il toqba f'ras il-mejtin
teħtieġ
biex jimtela l-ispazju
tad-duluri tagħha.

**Wieġeb:**

1. Fisser x'inhi r-rabta bejn l-isem tal-poeżija *Refuġjata* u l-frażi "il-mara tat-tined" li l-poeta jirrepetiha tliet darbiet fil-poeżija? X'effett jintlaħaq? (4)
2. Ikteb dwar il-kuntrast li jibni l-poeta bejn il-qagħda attwali u x-xewqa tar-refuġjata, skont dak li naqraw fil-poeżija. (4)
3. X'effett joħloq il-poeta permezz tal-kelma metaforika "ważi" fit-tieni strofa? (4)
4. Xi jfisser u x'effett joħloq il-poeta permezz tal-versi "l-massakri tal-għasafar / tal-irġiel"? (4)
5. X'inhu l-vers li jħaddem il-poeta, u dan il-vers kif jintrabat mat-tema tal-poeżija? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Bank* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bank***, Frans Sammut

Meta f'ħin bla waqt dar fuqi u qalli li l-għada jagħmilli żjara fil-klassi waħdanija tal-iskola, ma stajtx ma nwissihx minn qabel, li tneħħi xi kollezzjoni tal-friefet jew tal-bolli, ma kellix x'nurih bosta. Iżda b'ċerta ħarsa li tfisser ħafna, qalli li jieħu pjaċir żgur u ssokta bl-istess ħerqa jirrakkontali l-ġrajja avventuruża ta' ħajtu.

Jien u rieġa' lura d-dar, nofsi stordut wara t-taħdita li kellna u l-votka li sqieni, ma riditx tmurli minn quddiem għajnejja l-ħarsa mnikkta fuq wiċċu hu u jurini r-ritratti ta' martu li kien ħallieha midfuna fl-Iżvizzera fejn kien ħadha biex tfiq minn attakk qalil tat-tuberkulożi.

Kienet martu mara l-ġmiel tagħha, u minkejja l-għażla lieżma ta' aġġettivi ta' faħar u qima, Krazju ma rnexxilux iroddilhom qima biżżejjed lill-ħaddejn donnhom żewġ wardiet, il-kisra rżina tal-għajnejn, iżiġġu minn wara żewġ kanali tal-ġawhar, u xofftejn lewn il-qroll mimlija sebħ u seħer.

Kont nafha, konna tfal, u niftakarhom lilha u 'l Krazju namrati friski, maħbubin ukoll fil-jiem bikrin tal-iskola, iġorru l-kotba ta' xulxin, jinsewhom, jibdluhom u jerħulhom, mitlufin fit-telfa ta' mħabba żagħżugħa.

L-għada meta ġie l-iskola, it-tfal kont ġa ħejjejthom biex jagħtuh merħba xierqa. Għalhekk kif daħal u sab ruħu milqugħ hekk tajjeb, Krazju ħa gost tgħidx kemm! Intasab bilqiegħda ħdejja u qagħad, b'seba' għajnejn, attent għal-lezzjoni, tistħajlu wieħed mit-tfal innifishom. Kien jidher hieni qatigħ. Min jaf x'kien għaddej minn quddiem għajnejh, kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu, jhennuh għal ftit, imbagħad jerġgħu jgħibu u jinsatru fl-istar kiebi tas-snin li gerrbu, u jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom.

**Wieġeb:**

1. Semmi **ERBA'** raġunijiet għaliex Krazju Ebejer kien determinat li "l-għada jagħmilli żjara fil-klassi waħdanija tal-iskola"? (4)

2. X'sentiment ħass Krazju Ebejer meta mar l-iskola? Mill-aħħar paragrafu ta' din is-silta, islet **TLIET** frażijiet jew sentenzi li jsaħħu dak li ktibt. (4)

3. Ikteb eżempju ta' similitudni minn din is-silta, u fisser l-effett li n-narratur joħloq biha. (4)

4. Sib personifikazzjoni mill-aħħar paragrafu, iktibha, u fisser l-effett li joħloq biha n-narratur. (4)

5. Xi nsiru nafu dwar il-karattru ta' Krazju Ebejer minn dak li naqraw f'din is-silta. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża X*tara l-Ħut fil-Baħar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-Ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

"Għax sabni Karmnu ta' Dolor, taf int dak is-segretarju tal-Partit tal-Bdiewa u ħajjarni biex noħroġ għar-raħal ..."

"Min? Int?! X'tagħmel? Toħroġ u toqgħod tipprietka fil-misraħ biex kulħadd jgħaddik biż-żmien? Ara, ismagħni Ton ... Għal kollox qgħadtlek: xadini, pappagalli, ponijiet, klieb ... imma għal din mhux ser noqgħod. Kelma ta' mara."

Is-Sur Tonin ra li dak ma kienx il-waqt li jipprova jipperswadi lil martu. Zekzek tnejn, ħa żewġ belgħat oħra u tela' jimtedd. Iżda meta jumejn wara reġa' bdielha u qalilha li jkollu karozza bix-xufier, u n-nies tibda tiġi biex iqabbadhom jaħdmu u l-kappillan jibda jistiednu bl-invit meta jkollu xi okkażjoni speċjali, kif dalwaqt kien ser ikollu meta jikxef il-koppla, u l-każin tal-banda jagħmluh president onorarju, martu għamlet tabirruħha li dendlet il-geddum u għalqet ħalqha.

Xi ħbieb kienu qalulu x'għandu jagħmel. L-ewwel nett kellu jibda jsellem lil kulħadd, lil tal-Ajkla u tal-Istilla. It-tieni ma jpoġġix dejjem fl-istess ħanut u kemm jista' jkun iħallas hu. U lejn iz-zuntier kellu jersaq aktar sikwit. Qalulu wkoll biex jibda jixtri xi ġurnali (imqar jekk bilkemm kien jaf jaqra għax skola tista' tgħid ftit li xejn mar) u jżommhom f'idejh fejn jidhru.

Ftit qabel l-elezzjoni l-Partit tal-Bdiewa organizza meeting fir-raħal. Lis-Sur Tonin qalulu li "minħabba l-ħin" kien ikun aħjar jekk ma jitkellimx. Wieħed wara l-ieħor sħabu qamu għamlu kantaliena ta' akkużi, tgħajjir, u wegħdiet u qagħdu bilqiegħda. Imbagħad is-segretarju kontra dak li kienu ftiehmu resaq quddiem il-mikrofonu u ħabbar: "Għandi pjaċir inressqilkom għall-ewwel darba lill-benefattur tar-raħal, is-Sur Tonin ...." Li kieku faqqgħet sajjetta dak il-ħin ma kinitx taħsdu daqskemm ħasditu dik it-tħabbira. Għall-ewwel ma kienx ser iqum iżda meta sema' ċ-ċapċip tan-nies għamel il-qalb. Saqajh ħasshom jitriegħdu. Xofftejh kienu qoxqox. Griżmejh kienu iniggżu qishom kienu mimlija labar. Imbagħad ftakar meta huwa kien imur jisma' l-Avukat jagħmel il-meetings u pprova jimitah.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, għaliex l-isem tan-novella *Xtara l-Ħut fil-Baħar* huwa magħżul bir-reqqa? Ikteb mill-inqas żewġ eżempji mis-silta. (4)

2. X'tip ta' relazzjoni kienet teżisti bejn in-nies tar-raħal u s-Sur Tonin? Agħti eżempji minn din is-silta. (4)

3. Taħseb li kien hemm xi raġuni għala l-mexxejja tal-partit l-ewwel qalu lis-Sur Tonin li mhux se jitkellem waqt il-meeting, u mbagħad sejħulu biex jitkellem? Agħti l-opinjoni tiegħek. (4)

4. In-narratur iħaddem l-element tal-iperbole fl-aħħar paragrafu ta' din is-silta. Islet **ŻEWĠ** eżempji ta' iperbole u fisser x'effett joħloq bihom. (4)

5. X'tip ta' karattru kellu s-Sur Tonin? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Il-konflitt bejn il-ħajja u l-mewt. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal mill-inqas **TLIET** xogħlijiet letterarji li nsibu fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. (15)

2. Ikkummenta dwar il-varjetà ta' karattri tan-nisa li niltaqgħu magħhom f'diversi poeżiji u siltiet ta' proża fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. (15)

3. B'referenza għall-poeżiji *Jien* ta' Victor Fenech u *Ġarġir mal-Ħerża* ta' Marjanu Vella, iddiskuti x'effetti jintlaħqu permezz tal-opposti li fuqhom jibnu t-tema tal-poeżiji tagħhom. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 400 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. F'parti mir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer jissemma "l-irvell tas-Sette Giugno 1919." Ikteb b'liema mod din il-ġrajja politika torbot mat-tema tar-rumanzett.

**JEW**

2. Billi tagħmel analiżi tal-karattri ta' Rużann u l-Baronċino Mark Antonin, fisser kif ir-relazzjoni ta' bejniethom hija importanti fl-iżvolġiment tal-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**

ĊES22/2B.24m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 11 ta’ Mejju 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b’Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Passaġġi* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Passaġġi,*** Ġorġ Borġ

Hemm passaġġi li tibdiehom
mit-twelid;
hemm oħrajn li tiskoprihom
bit-taħbit.

Hemm passaġġi li taqbadhom
bla taf kif;
hemm oħrajn li toħroġ minnhom
kollok grif.

Hemm passaġġi li tilħaqhom
fiduċjuż;
hemm oħrajn li jħalluk dejjem
diżilluż.

Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu
wara ftit;
hemm oħrajn li jwassluk temmen
fl-infinit.

**Wieġeb:**

1. X'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta permezz tal-kelma "passaġġi"? Fisser x'effett joħloq il-poeta permezz ta' din il-figura tat-taħdit. (4)
2. Fisser il-kuntrast li joħloq il-poeta fit-tielet strofa permezz tal-kelmiet "fiduċjuż" u "diżilluż." (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi "hemm oħrajn li toħroġ minnhom kollok grif"? Fisser x'effett joħloq il-poeta b'din il-figura letterarja. (4)
4. X'taħseb li jrid ifisser il-poeta bil-kelma "infinit" fl-aħħar strofa? (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Refuġjata,*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li nixfilha l-ilma
u ward il-ħall
dik
li wliedha saru dellijiet
jgħajtu f'rasha.

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Dal-lejl
il-mara tat-tined qed taħseb
kemm-il toqba f'ras il-mejtin
teħtieġ
biex jimtela l-ispazju
tad-duluri tagħha.

**Wieġeb:**

1. Fisser x'inhi r-rabta bejn l-isem tal-poeżija *Refuġjata* u t-tema tal-poeżija. (4)
2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "tittama fis-siġar taż-żebbuġ"? Fissirha, u għid x'effett jintlaħaq b'din il-figura letterarja. (4)
3. Ikteb dwar il-kuntrast bejn ix-xewqa tal-mara tat-tined u x'għad irid jiġri biex forsi din ix-xewqa sseħħ. Ikteb kwotazzjoni **WAĦDA** biex issaħħaħ din il-fehma. (5)
4. Ikkwota mit-tieni strofa **TLIET** kelmiet li jagħtu idea ta' vjolenza. (3)
5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Bank* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bank***, Frans Sammut

Meta f'ħin bla waqt dar fuqi u qalli li l-għada jagħmilli żjara fil-klassi waħdanija tal-iskola, ma stajtx ma nwissihx minn qabel, li tneħħi xi kollezzjoni tal-friefet jew tal-bolli, ma kellix x'nurih bosta. Iżda b'ċerta ħarsa li tfisser ħafna, qalli li jieħu pjaċir żgur u ssokta bl-istess ħerqa jirrakkontali l-ġrajja avventuruża ta' ħajtu.

Jien u rieġa' lura d-dar, nofsi stordut wara t-taħdita li kellna u l-votka li sqieni, ma riditx tmurli minn quddiem għajnejja l-ħarsa mnikkta fuq wiċċu hu u jurini r-ritratti ta' martu li kien ħallieha midfuna fl-Iżvizzera fejn kien ħadha biex tfiq minn attakk qalil tat-tuberkolożi.

Kienet martu mara l-ġmiel tagħha, u minkejja l-għażla liema ta' aġġettivi ta' faħar u qima, Krazju ma rnexxilux iroddilhom qima biżżejjed lill-ħaddejn donnhom żewġ wardiet, il-kisra rżina tal-għajnejn, iżiġġu minn wara żewġ kanali tal-ġawhar, u xofftejn lewn il-qroll mimlija sebħ u seħer.

Kont nafha, konna tfal, u niftakarhom lilha u 'l Krazju namrati friski, maħbubin ukoll fil-jiem bikrin tal-iskola, iġorru l-kotba ta' xulxin, jinsewhom, jibdluhom u jerħulhom, mitlufin fit-telfa ta' mħabba żagħżugħa.

L-għada meta ġie l-iskola, it-tfal kont ġa ħejjejthom biex jagħtuh merħba xierqa. Għalhekk kif daħal u sab ruħu milqugħ hekk tajjeb, Krazju ħa gost tgħidx kemm! Intasab bilqiegħda ħdejja u qagħad, b'seba' għajnejn, attent għal-lezzjoni, tistħajlu wieħed mit-tfal innifishom. Kien jidher hieni qatigħ. Min jaf x'kien għaddej minn quddiem għajnejh, kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu, jhennuh għal ftit, imbagħad jerġgħu jgħibu u jinsatru fl-istar kiebi tas-snin li gerrbu, u jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom.

**W ieġeb:**

1. Din is-silta min-novella *Bank* hija mimlija tifkiriet nostalġiċi, kemm tan-narratur kif ukoll ta' Krazju Ebejer. Ikteb dwar uħud minn dawn it-tifkiriet. (4)
2. Minn dak li naqraw f'din is-silta, kif taħseb li kienet ir-relazzjoni bejn Krazju u martu? Ikteb referenzi biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)
3. Fisser x'effett joħloq in-narratur permezz tal-metafora, "jinsatru fl-istar kiebi tas-snin," li nsibu fl-aħħar paragrafu ta' din is-silta. (4)
4. X'figura tat-taħdit hija l-frażi: "ħaddejha donnhom żewġ wardiet"? Fisser l-effett li joħloq l-awtur b'din il-figura letterarja. (4)
5. Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet mis-silta li permezz tagħhom naraw li Krazju beda jħossu qisu tifel, u fissirhom. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża X*tara l-Ħut fil-Baħar*** **u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-Ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

"Għax sabni Karmnu ta' Dolor, taf int dak is-segretarju tal-Partit tal-Bdiewa u ħajjarni biex noħroġ għar-raħal ..."

"Min? Int?! X'tagħmel? Toħroġ u toqgħod tipprietka fil-misraħ biex kulħadd jgħaddik biż-żmien? Ara, ismagħni Ton ... Għal kollox qgħadtlek: xadini, pappagalli, ponijiet, klieb ... imma għal din mhux ser noqgħod. Kelma ta' mara."

Is-Sur Tonin ra li dak ma kienx il-waqt li jipprova jipperswadi lil martu. Zekzek tnejn, ħa żewġ belgħat oħra u tela' jimtedd. Iżda meta jumejn wara reġa' bdielha u qalilha li jkollu karozza bix-xufier, u n-nies tibda tiġi biex iqabbadhom jaħdmu u l-kappillan jibda jistiednu bl-invit meta jkollu xi okkażjoni speċjali, kif dalwaqt kien ser ikollu meta jikxef il-koppla, u l-każin tal-banda jagħmluh president onorarju, martu għamlet tabirruħha li dendlet il-geddum u għalqet ħalqha.

Xi ħbieb kienu qalulu x'għandu jagħmel. L-ewwel nett kellu jibda jsellem lil kulħadd, lil tal-Ajkla u tal-Istilla. It-tieni ma jpoġġix dejjem fl-istess ħanut u kemm jista' jkun iħallas hu. U lejn iz-zuntier kellu jersaq aktar sikwit. Qalulu wkoll biex jibda jixtri xi ġurnali (imqar jekk bilkemm kien jaf jaqra għax skola tista' tgħid ftit li xejn mar) u jżommhom f'idejh fejn jidhru.

Ftit qabel l-elezzjoni l-Partit tal-Bdiewa organizza meeting fir-raħal. Lis-Sur Tonin qalulu li "minħabba l-ħin" kien ikun aħjar jekk ma jitkellimx. Wieħed wara l-ieħor sħabu qamu għamlu kantaliena ta' akkużi, tgħajjir, u wegħdiet u qagħdu bilqiegħda. Imbagħad is-segretarju kontra dak li kienu ftiehmu resaq quddiem il-mikrofonu u ħabbar: "Għandi pjaċir inressqilkom għall-ewwel darba lill-benefattur tar-raħal, is-Sur Tonin ...." Li kieku faqqgħet sajjetta dak il-ħin ma kinitx taħsdu daqskemm ħasditu dik it-tħabbira. Għall-ewwel ma kienx ser iqum iżda meta sema' ċ-ċapċip tan-nies għamel il-qalb. Saqajh ħasshom jitriegħdu. Xofftejh kienu qoxqox. Griżmejh bdew iniggżuh qishom kienu mimlija labar. Imbagħad ftakar meta huwa kien imur jisma' l-Avukat jagħmel il-meetings u pprova jimitah.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta, taħseb li l-isem tan-novella *Xtara l-Ħut fil-Baħar* huwa addattat għat-tema tagħha? Ikteb mill-inqas **ŻEWĠ** eżempji mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (5)
2. X'kienu jissuġġerulu n-nies tar-raħal lis-Sur Tonin? Kienu jixtiqulu l-ġid jew le? (4)
3. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, taħseb li s-Sur Tonin kien addattat għall-politika? Islet **TLIET** frażijiet jew sentenzi biex turi dan. (4)
4. Is-Sur Tonin kellu karattru sod jew dgħajjef? Irreferi għas-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)
5. Xi nsiru nafu dwar il-karattru ta' martu Ċikka meta n-narratur jgħid: "martu għamlet tabirruħha li dendlet il-geddum u għalqet ħalqha"? (3)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Iddiskuti kif isseħħ il-bidla f'uħud mill-karattri hekk kif naqraw fin-novelli *Ċensina* ta' Lino Spiteri u *Jacqueline* ta' Pierre J. Mejlak.

**JEW**

2. Ikteb dwar l-emozzjonijiet ewlenin li huma espressi fin-novella *Firda minn Kelb* ta' Ġużè Ellul Mercer u l-poeżija *Niftakar* ta' Anton Buttigieg.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Għalkemm Rużann hija l-forza ewlenija fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, binha Karmenu għandu importanza kbira fl-iżviluppi li seħħew aktar 'il quddiem. Ikkummenta.

**JEW**

2. Ikteb dwar **ŻEWĠ** karattri li laqtuk fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer. Qabbilhom flimkien biex turi l-elementi komuni u differenti ta' bejniethom.

**(Total: 30 marka)**